MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Numru. 1077/2008

Il-Pulizija
(Sp Yvonne Farrugia)
vs
Nazzareno sive Reno Grech, iben Joseph, imwieled Bormla fit-8 ta’ Awwissu, 1954, Karta ta’ l-Identita numru 629254(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana:
Talli f’dawn il-Gżejjer, fid-29 ta’ Lulju, 1996 u/jew f’xi data oħra qabel, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu air rifle, Webley & Scott, serial number 764539, air rifle, Webley & Scott, serial number 836041, senter single barrel, serial number 14968, senter Remington, serial number M-11380V, pistola Rigarmi,

harpoon cressi, adjustable rear sight u munizzjon, li l-importazzjoni ta' l-oġġetti msemmija hawn fuq hija projbita u/jew ristretta.
Dan bi ksur ta' l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62(a)(b)(f)(g)(h)(i)(k) paragrafu (a) ta' l-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur ta' l-artikolu 65 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XII ta' l-1994).
Talli fl-istess żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement kellu fil-pussess tiegħu armi tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja tal-kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' l-Ordinanza dwar l-Armi u ma tax avviż lill-istess Kummissarju tal-Pulizija.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena skont il-liġi tordna l-konfiska ta' l-imsemmija armi tan-nar kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-liċenzji għall-perjodu li jidrilha xieraq.

Rat il-'letter to prosecute' tal-Kontrollur tad-Dwana tat-3 ta' Mejju, 2000.

Rat il-'letter to prosecute' tal-Kummissarju tal-VAT tal-15 ta' Mejju, 2000.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62(a)(b)(f)(g)(h)(i)(k) u il-paragrafu (a) ta' l-proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u bi ksur ta' l-artikolu 65 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XII ta' l-1994) u l-artikoli 5 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih

hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, tordna l-konfiska ta’ l-oġġetti kollha msemmija fl-akkużi hawn fuq favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------